MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 71/2006

**Avviz numru 71/06 DM**

**Vella Brothers (tal-Bidnija) Ltd**

**Vs**

**Anna Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames' t elef lira Maltin (LM 5,000) rapprezentanti valur ta' xoghol u materjal ta' bini li fadalla thallas in konnessjoni ma' l-inkarigu ta' xogholijiet debitament esegwiti fuq inkarigu taghha in konnessjoni mal-fond Norces House, Triq il-Qatta', Swieqi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata s-16 ta’ Novembru, 2005, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma’ deheritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma’ dehret ghas-seduta ta’ llum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lil atturi s-somma mitluba ta’ hames’ t elef lira Maltin (LM 5,000) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz;

Bl-imghaxijiet legali b’ effett mit-3 ta’ Marzu, 2006 u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------